Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 144/2018

Il-Pulizija

Spettur Josric Mifsud

Vs

Charles Spiteri

Illum 20 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Charles Spiteri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 2074M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-3 ta' Settembru, 2017, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn u nofs u t-tlieta ta' wara nofsinhar (1430 – 1500hrs), gewwa Triq il-Grigal, Marsaskala:

a) Ikkommetta serq ta' diversi ghodod ghad-detriment ta' Jonathan Paul Micallef u Marthese Micallef, liema serq hu aggravat bil-lok u bil-valur.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lil Charles Spiteri bhala recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Marzu 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jitrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Charles Spiteri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Charles Spiteri huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-piena ta' sentejn prigunerija li nghatat fis-sentenza hawn appellata hija wisq severa u ghandha tigi rikalibrata tenut kont tal-fatt illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u ghaldaqstant, din l-ammissjoni kellha tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas hadet in konsiderazzjoni illi kien l-akkuzat stess illi rritorna sua sponte l-oggetti misruqa kollha u dana minkejja illi l-pulizija ma kienux sabuhom fir-residenza tieghu. Ghaldaqstant, in vista tal-kollaborazzjoni illi l-esponenti wera mal-Pulizija, sentenza karcerarja f'dawn il-proceduri hija wisq severa u ghandha tigi rrikunsidrata.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell limitat biss fuq kwistjoni ta' piena u cioe' jekk il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienitx wahda gusta fic-cirkostanzai tal-kaz u cioe' fid-dawl tal-ammissjoni tal-appelant registrata quddiem l-ewwel Qorti.

Bhal fatt jirrizulta is-segwenti :-

1. Illi l-appellant tressaq il-Qorti nhar it-12 ta Dicembru, 2017 akkzuat talli ikkometta serq ta' ghodod ghad-detriment ta Jonathon Paul Micallef u Marthese Micallef liema serq u aggravat bil-lok u bil-valur. In oltre gie akkuzat ukoll li huwa recidiv fit-termini tal-ligi.

2. Illi fil-jum tal-prezentata (fol. 57) l-appellant irregistra ammissjoni fir-rigward taz-zewg akkuzi dedotti kontra tieghu u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Alfred Abela.

3. Illi dakinhar stess fuq talba tad-difiza il-Qorti innominat Probation Officer sabeix ihejji pre-sentencing report dwar l-appellant u dan bil-ghan li jghin lil Qorti dwar liema piena hija aktar rakomandabbli fic-cirostanzi tal-kaz.

4. Illi nhar is-16 ta Ottubru 2017, il Qorti giet mgharfa li l-ufficcjal tal-probation li kien ser jiehu hsieb il-kaz kienet Antonella Debono .

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta Settembru 2018.

Ikkunsidrat.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ <u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u> l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Dr. David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal*

*għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi*[1] *u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[2], **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[3] **u Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[4]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami,*[5] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.****"*[6]

Illi r-*raison d'être* ta' dan l-aggravju, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa u ezemplari fuq l-appellat. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il *'pound of flesh'* iżda li tiġi inflitta l-piena kif prevista mil-Liġi stess. L-unika motivazzjoni li għandhu l-esponent sabiex iressaq dan l-Aggravju hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun għall-inqas il-minimu ta' dik kontemplata fil-Liġi. L-esponent ovvjament mhux ser jidħol fil-mertu jekk il-piena għandiex tingħata fil-minimu jew le – dik diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti,

[1] Sottolinear u enfasi tal-esponent.

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali, preseduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[4] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) moghtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[5] Sottolinear tal-esponent.

[6] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

wara li tkun semgħat il-kaz odjern. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-Liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt.

X' kienu l fatti li waslu lil din il-Qorti sabeix issib lil-appellant hati?

L-appelant ressaq quddiem l-ewwel Qorti nhar it-12 ta' Ottubru 2017 assistit minn Dr. Alfred Abela u irregistra ammissjoni mal-ewwel oportunita' moghtija lilu dwar l-akkuzi kollha li hu gie akkzuat bihom fosthom serq aggravat bil-lok u valur u li hu recidiv.

L-ewwel Qorti ghaddiet fuq talba tad-difiza biex tinnomina ufficcjal tal-probation sabeix ihejji pre-sentencing report biex jghin lil Qorti tasal ghal piena idoneja fic-cirostanzi.

Illi permezz ta' nota prezentata fir-registru tal-ewwel Qorti nhar is-16 ta Ottubru, 2017 l-Qorti giet mgharrfa li l-ufficcjal tal-probation f'dan il-kaz kienet Antonella Debono.

Cio' nonostante nhar il-25 ta Novembru 2017, deheret il-probation Officer Joanna Mifsud u pprezentat ir-relazzjoni taghha.

Minn essami tal-konkluzjonijiet minnha raggunti jirrizulta is-segwenti:-

1. Illi l-appellant kellu trobbija difficli. Il-genituri tieghu issepraw waqt li huwa trabba f'istitut, u l-familjari tieghu ukoll huma involuti fil-kriminalita' inkluz missieru li kien il-habs
2. Illum il-gurnata l-appellant huwa ragel mizzewweg bi tlett itfal adulti.
3. L-appellant ghandu fedina penali refrettarja b'diversi kazijieit registrati fuqha fejn dawn ivarjaw minn reti relattati mat-traffiku, gha-serq, glied u pusess t'arma u offizi relatati mad-droga.
4. Illi huwa kellu diversi opportunitajiet permezz ta' kuntatt ma l-ufficcju tal-probation biex jirremedja id-drawwiet tieghu pero' ma gharafx jusfrutta l-opportunitajiet li gew mghotija lilu.
5. Illi ir-reat odjern sar waqt li kien qed jigi redatt rapport mill-ufficcjal tal-probation.
6. L-appellant ghandu probelma kemm ta' xorb kif ukoll ta' abbuz ta' droga.

7. L-appellant ghamel kuntatt diversi drabi ma agneziji varji sabeix jindirizza dawn il-problemi ta' abbuz izda dan ma kienx wiehed konstanti.
8. Waqt li l-appellant kien il-habs ghamel perijodu 'clean' u sahansitra anke ghamel ftit zmien gewwa programm resienzjali, izda meta hareg mill-habs rega' waqa' ghal dan il-vizju ta' droga.
9. Fil-prezent ghandu kuntatt ma l-agenzija Sedqa pero' mhux qed ikun konsistenti fl-appuntamenti.
10. Gie registrat li fil-25 ta Settembru 2017 dahal Dar l-Impenn u fit-3 ta' Ottubru 2017 gie trasferit ghall-ASU, biss telaq fit-12 ta' Ottubru 2017 u b'hekk ma zammx mal-pjan ta' kura stabilit.
11. Gie ritenut ukoll li -appellant baqa' jabbuza mid-droga tul il-kumpilazzjoni tar-rapport, kif indikat mit-test tal-awrina kif ukoll mill-ammissjoni tieghu stress.

L-ufficcjal tal-probation kien issugerixxa pjan ta' kura billi stqarr li l-appellant ghandu bzonn jindirizza l-problema ta' droga b'mod serju u jaghmel programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga sabiex jeghleb il-vizzju tieghu kif ukoll jigi minimizzat ir-riskju li jwettaq reat iehor.

Ghalhekk fid-dawl tal-premess ta' din l-informazzjoni irrakomanda lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jinghata piena karcerarja bil-ghan li jinghata l-ghajnuna minn gol habs sabeix ikun jista jeghleb dan il-vizju.

Illi minn dak in-nhar 'l hawn ma ingabet l-ebda prova li l-appellant fil-fatt rregistra xi progress fl-andament tieghu anzi jirrizulta li fil-mori ta' dan l-appell l-appellant inghata sentenza ta' prigunerija ohra.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat jew illum bhala appellant u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita' u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li m'ghandhiex taghti cans lil appellant sabiex jirrintegra ruhu lura fis-socjeta' li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu qatt ma kien wiehed genwin.

Id-difiza tghid fis-sottomissjonijeit taghha li din il-Qorti ghandha tghin lill-appellant sabeix jibda programm resenzjalli sabeix jindirizza il-problema akuta tieghu. Pero' mhux bizejjed li l-avukat difensur ighamel talba simili hu mehtieg li fl-ewwel lok isisr assessment tal-appellant bil-ghan li juri motivazzjoni sabiex b'hekk l-ufficcjali tal-probation ikun dispost ighinu sbaiex jibda dal-programm li tant ghandu bzonn.

Ghalhekk fic-cirostanzi tal kaz , din l-Onorabbi Qorti ma thossx li hemm lok li din il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant u minflok qed tichad l-istess b'dan ili qed tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u qed tikkonferma l-piena inflitta ta' sentejn prigunerija.

Taghti ir-rakomanazzjoni taghha lid-Direttur tal-Habs sabiex jghati l-ghajnuna kollha misthoqqa lill-appellant bil-ghan li jittanta jgheleb din il-problema t' abbuz ta' droga.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef